MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 100/2010

**Elektra Limited C3583**

**Vs**

**JPM Brothers Limited C31612**

**Il-Qorti:**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Marzu, 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma t'ghaxart elef, hames mija w disgha w erbghin Euro w sitta w erbghin centezmu rapprezentanti bilanc t'ammont ikbar ta' mercja mibjugha u debitament ikkonsenjata lilha, izda mhux imhallsa, kif jirrizulta mill-i*statement* anness u mmarkat bhala dokument A u kif ser jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficcjali taht l-Artikolu 166A tal-Kap 12, kopja annessa w immarkata bhala dokument B, kif ukoll l-imghax legali mid-data tal-konsenja tal-mercja sal-effettiv pagament

Rat in-nota t'ammissjoni tas-socjeta' konvenuta kif prezentata fl-atti fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2010, u dan ghar-rigward il-mertu w l-ispejjez tal-kawza.

Ghaldaqstant a bazi tal-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta stess, din il-Qorti tiddikjara li qed tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' ghaxart elef, hames mija w disgha w erbghin Euro w sitta u erbghin centezmu (€10, 549.46).

Bl-ispejjez u l-imghax skond il-ligi jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------